**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar, 2016**

**Avviz Nru: 570/1998 MLF**

**Rosario Abela**

**vs**

**Anthony Galea**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur fejn talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' sitt mija tnejn u erbghin lira Maltija tnejn u disghin centezmu (Lm642.92) rapprezentanti s-sehem dovut minnu ghal dritt ta' appogg bejn iz-zewg proprjetajiet tal-kontendenti kif jirrizulta mill-anness certifikat peritali markat Dok A.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut, fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament, l-azzjoni attrici hija preskritta peress illi ghaddew aktar minn hames snin minn meta gie prattikat l-appogg;
2. Illi fil-meritu, u minghajr pregudizzju ghall-espost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, peress illi:

(a) il-hajt divizorju in kwistjoni ma nbeniex kollu mill-attur, izda in parti inbena u tkahhal mill-esponenti, u ghalhekk ghandhom isiru d-debiti kalkoli;
(b) il-parti tal-hajt mibni mill-attur huwa difettuz u ma nbeniex skond l-arti u s-sengha u ghalhekk, l-esponenti mhux tenut ihallas appogg;
(c) minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur, fil-kors tal-kostruzzjoni tal-fond tieghu u tal-hajt, ikkaguna diversi hsarat fil-fond adjacenti tal-esponenti u ghal dawn il-hsarat l-esponenti qed jipprevalixxi ruhu mill-kawza istitwita mill-attur biex iressaq id-debita kontro-talba kontra l-attur, u ghandha, f'kull kaz, issir kompensazzjoni bejn l-appogg li jista' tal-volta jkun dovut mill-esponenti u d-danni li huma dovuti lill-esponenti.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li in forza taghha talab li l-attur ghandu jwiegeb ghat-talba tieghu u jghid il-ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat ihallas lill-konvenut id-danni li kkaguna fil-fond tal-konvenut, fil-kors ta' kostruzzjoni da parti tal-attur tal-fond tieghu u tal-hajt divizorju, ghal-liema danni huwa responsabbli l-istess attur u liema danni ghandhom jigu likwidati minn din il-Qorti, occorrendo bl-opera ta' perit nominandi. Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ghal kontro-talba pprezentata mill-konvenut, fejn eccepixxa :
(1) Preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni tal-konvenut dedotta in kontro-talba;
(2) Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess, it-talba tal-konvenut in kontro-talba ghandha tigi respinta peress illi hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt fil-mertu.

Rat li fil-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 1998, l-attur iddikjara li b'riferenza ghan-nota ta' eccezzjonijiet a fol. 11 maghmula minn Rosario Abela, il-preskrizzjoni eccepita hija dik ta' sentejn, li huma danni delittwali.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur fuq l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat is-sentenza preliminari taghha tal-20 t'April 2015, fejn din il-Qorti ddikjarat l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, u cioe dik tal-preskrizzjoni kwinkwennali, inammissibbli, u ordnat

il-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' din l-eccezzjoni kellhom jigu subiti mill-konvenut.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma deherx ghas-seduta tat-23 ta' Novembru, 2015.

Rat li fl-istess seduta, l-attur ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta sussegwenti tat-30 ta' Novembru, 2015, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tal-attur ghandu jitqies bhala mistqarr.

Rat illi in vista tal-fatt li f'dawn il-proceduri, il-konvenut kien ipprezenta kontro-talba man-nota ta' eccezzjonijiet tieghu, fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2015, il-Qorti ddifferiet il-kawza ghall-provi kollha tal-partijiet dwar il-kontro-talba tal-konvenut ghal 11 ta' Dicembru 2015.

Rat li fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2015, il-konvenut imsejjah tlett darbiet baqa' ma deherx. F'dik is-seduta sar is-segwenti verbal:

*"Din is-seduta kienet intiza ghal provi kollha tal-partijiet dwar il-kontro-talba tal-konvenut, li ma deherx u lanqas ipprezenta provi.*

*Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-konvenut m'ghandux iktar interess fil-kontro-talba tieghu u qed tghalaq il-provi tal-konvenut ghal kontra-talba tieghu.*

*Dr. Raphael Fenech Adami ghall-attur jiddikjara li l-attur m'ghandux provi fuq il-kontro-talba tal-konvenut u talab li l-kawza tmur ghas-sentenza."*

Fil-fatt, f'dik is-seduta l-Qorti laqghet it-talba tal-attur u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Illi kif diga inghad aktar il'fuq, in vista tal-fatt li l-konvenut naqas li jidher fis-seduta differita ghas-subizzjoni tieghu, il-kapitolu tal-attur ghandu jitqies bhala mistqarr.

In vista tal-fatt, li l-konvenut ma ressaq l-ebda provi in sostenn tal-kontro-talba tieghu, il-kontro-talba tieghu ma tistghax tigi milqugha u qed tigi michuda.

**Konkluzjoni**

Konsegwentement, il-Qorti:

1. Tichad il-kontro-talba tal-konvenut fit-totalita taghha,
2. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut ghat-talba attrici; u
3. Tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf erba' mija u sebgha u disghin Euro u sittin centezmu – ekwivalenti ghas-somma ta' sitt mija tnejn u erbghin lira Maltija tnejn u disghin centezmu (Lm642.92) - bl-interessi legali kontra l-konvenut.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**